Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10219 — Cerberus/Koch Industries/PQ Performance Chemicals)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 139/08)

1. Fl-14 ta' April 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Cerberus Capital Management L.P. ("Cerberus", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Koch Minerals & Trading ("KM&T", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn Koch Industries, Inc. ("KII", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— PQ LLC, PQ International Cooperative UA u PQ Netherlands Cooperative LLC (in-Netherlands) u PQ Silicates Limited, PQ China (Hong Kong) Limited (Ħong Kong) (flimkien "PQ Performance Chemicals"), ikkontrollati minn PQ Group Holdings, Inc. ("PQ Group", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Cerberus u KM&T jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' PQ Performance Chemicals.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Cerberus: investiment fi proprjetà immobbli u proprjetà personali ta' kull tip madwar id-dinja. Uħud mis-setturi ewlenin li fihom l-impriżi kkontrollati mis-Cerberus Group jiġġeneraw fatturat huma s-servizzi finanzjarji, tal-manifattura, tal-materjali tal-bini u l-proprjetà immobbli,

— KM&T: kumpanija li tiġġestixxi tagħbija xotta tal-komoditajiet, u li tikkummerċjalizza u tagħmel kummerċ fil-komoditajiet bħall-kokk taż-żejt mhux maħdum, faħam, kubrit, polpa tal-injam u prodotti tal-karta.

— KII: tikkontrolla portafoll varjat ta' kumpaniji involuti fir-raffinar u l-kimiċi, tagħmir u teknoloġiji li jipproċessaw u jikkontrollaw it-tniġġis, minerali, fertilizzanti, kummerċ fil-komoditajiet u servizzi, polimeri u fibri, ħġieġ, prodotti tal-foresti u l-konsumatur, konnetturi elettroniċi, ranching, stampar u ppakkjar, software tal-intrapriżi u investimenti,

— PQ Performance Chemicals: tipproduċi silika tas-sodju, silika speċjalizzata downstream, zeoliti u derivattivi oħra. Il-prodotti mmanifatturati minn PQ Performance Chemicals jintużaw bħala prodotti tal-input f'firxa ta' prodotti tal-kura personali, tat-tindif, tal-ikel u tax-xorb u tal-kisi tal-wiċċ.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10219 — Cerberus/Koch Industries/PQ Performance Chemicals

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË